MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Diċembru, 2014

Rikors Numru. 972/2014

**Wara s-sentenza numru 432/86JH deċiża fit-3 ta' Marzu 1987 fl-ismijiet:**

**Joseph Lia u Mary Lia għal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Grace Aquilina (372255M) u Josef Aquilina (349979M) fil-kwalità tagħhom ta' eredi preżunti ta' Carmel Aquilina**

**Il-Qorti,**

## A. RIKORS:

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti Joseph Lia u martu Margaret Lia għal kull interess li jista' jkollha, fejn esponew:

*Illi b'sentenza tat-3 ta' Marzu 1987 fl-ismijiet premessi, Carmel Aquilina, żewġ il-konvenuta Grace Aquilina u awtur tal-konvenuti l-oħra kif debitament rappreżentati, ġie kkundannat iħallas is-somma ta' tliet elef, sitt mija ħamsa u erbgħin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€3,645.47) ekwivalenti għal elf ħames mija ħamsa u sittin Lira Maltin (Lm1,565) bl-ispejjeż li jammontaw għas-somma ta' tliet mija erbgħa u sittin euro u sitt ċenteżmi (€364.06) ekwivalenti għal mija sitta u ħamsin Lira Maltin u disgħa u għoxrin ċenteżmu (recte: Lm159.29) u bl-imgħaxijiet legali mid-9 ta' Settembru 1984 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Illi minkejja li l-imsemmi Carmel Aquilina ġie interpellat diversi drabi, hu baqa' ma ħallas xejn.*

*Illi l-imsemmi Carmel Aquilina miet fit-8 ta' Lulju 2003.*

*Illi l-istess Carmel Aquilina miet mingħajr testment u għalhekk wirtuh bil-liġi l-konvenuti.*

*Illi l-esponent għandu interess li jeżegwixxi s-sentenza hawn fuq imsemmija kontra l-werrieta tal-imsemmi Carmel Aquilina ai termini tal-Artikolu 259 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet Joseph Lia vs Carmel J Aquilina (Ċit. Nru 432/86JH) deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Marzu 1987 ai termini tal-Artikolu 258 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.*

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Grace Aquilina u Josef Aquilina fil-kwalità tagħhom ta' eredi preżunti ta' Carmel Aquilina fejn esponew:

*Illi mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti jirriżulta illi d-dettami ta' l-Artiklu 258 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta ma ġewx segwiti u dan stante li r-rikors in kwistjoni ma ġiex konfermat bil-ġurament u għalhekk il-proċedura korretta ma ġietx segwita.*

*Illi per konsegwenza r-rikors huwa null u din l-Onorabbli Qorti ma tistax tilqa' t-talba kif kontenuta.*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talba rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

Ikkunsidrat:

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Diċembru 2014 fejn l-avukat tal-intimati ddikjara li sussegwentement għar-risposta tiegħu, irriżultalu li r-Rikors kien ġie debitament maħluf fir-Reġistru u għalhekk jirrimetti ruħu għal dak li tiddeċiedi l-Qorti.

**Ċ KONKLUZJONIJIET:**

**Għaldaqstant din il-Qorti qegħda tilqa' t-talba tar-rikorrenti u skont l-Artikolu 258 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda terġa' tirrendi eżegwibbli għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi s-sentenza fl-ismijiet *Joseph Lia vs Carmel J Aquilina (Ċit. Nru 432/86JH)* deċiża minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, għar-rigward tal-bilanċ li għadu dovut lir-rikorrenti.**

**Spejjeż a karigu tal-intimati.**

**Moqrija**

**ONOR. LAWRENCE MINTOFF LL.D**

**Imħallef**

**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM---------------------------------**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM---------------------------------